Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9598/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0208 (COD)**

JAI 565
INF 95
CADREFIN 60
FREMP 86
COPEN 173
DROIPEN 81
JUSTCIV 130
CODEC 919

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 384 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm Ġustizzja |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 384 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 384 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
COM(2018) 384 final

2018/0208 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm Ġustizzja**

{SWD(2018) 290 final} - {SWD(2018) 291 final} - {SEC(2018) 274 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

- **Raġunijiet u għanijiet**

Il-mira tal-Unjoni Ewropea hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tan-nies tagħha. L-Unjoni hija komunità tal-liġi u l-valuri tagħha jikkostitwixxu s-sisien tal-eżistenza tagħha. L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-UE jiddikjara li "*"l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.*" Dawn il-valuri jikkostitwixxu l-bażi tad-drittijiet li jgawdu dawk li jgħixu fl-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tiġbor flimkien f'test wieħed id-drittijiet personali, ċiviċi, politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha li jgawdu minnhom in-nies fl-UE.

L-Artikolu 3 TUE jispeċifika li l-"mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha" u, fost oħrajn, "hija għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew". Id-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE [1]jiddikjara li "l-baġit tal-UE jappoġġa dan il-għan, b'ħidma flimkien mal-baġits nazzjonali u b'mod kumplimentari għal sforzi oħra fil-livell Ewropej u dak nazzjonali".

Il-valuri tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, l-antirazziżmu u t-tolleranza, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, id-diversità kulturali, soċjetà ċivili attiva, il-libertà tal-espressjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika. Grupp ta' żona Ewropea tal-Ġustizzja u s-sistemi ta' ġustizzja effettivi nazzjonali huma meħtieġa għal suċċess fis-suq intern u biex jiddefendu l-valuri komuni tal-Unjoni.

Din il-Kummissjoni stabbilixxiet Unjoni ta' bidla demokratika bħala waħda mill-għaxar prijoritajiet politiċi tagħha u qiegħda taħdem f'dan il-kuntest biex tinforma liċ-ċittadini dwar x'tagħmel l-UE u l-mod kif tiffunzjona u biex tibni fiduċja fl-Unjoni.

Il-finanzi tal-UE jistgħu jipprovdu valur miżjud u jgħinu fil-ħarsien tal-valuri komuni Ewropej.

Sabiex tippromwovi l-valuri u d-drittijiet komuni Ewropej, l-UE għandha diversi strumenti f'politika mħallta ta' leġiżlazzjoni, politiki u finanzjament. B'mod partikolari, il-programmi ta' finanzjament li ġejjin kellhom enfażi soċjetali qawwi u huma marbutin b'mod ċar mal-valuri Ewropej: il-programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini, u l-programm tal-Ġustizzja.

Dawn il-programmi wasslu għal progress reali fil-promozzjoni tal-valuri u l-implimentazzjoni tad-drittijiet li l-leġiżlazzjoni tal-UE tagħti lin-nies madwar l-Unjoni. Biex nagħtu żewġ eżempji, in-nies jagħrfu aktar id-drittijiet, l-istorja u l-kultura komuni tagħhom, aktar nisa qed

[1] COM(2017) 358.

jaħdmu, id-drittijiet tat-tfal ġew promossi u protetti, is-sistemi tal-ġustizzja huma aktar effettivi bl-għarfien tal-ġuristi ta' kif u meta japplikaw l-acquis tal-UE b'kooperazzjoni transfruntiera prosperuża, hemm iktar parteċipazzjoni demokratika u ċivika fil-livell tal-Unjoni, u fehim aktar profond u rispett għal memorji, kulturi u tradizzjonijiet differenti.

Skont id-dritt tal-Unjoni, in-nies jistgħu jibbażaw fuq sett ta' drittijiet u fuq sistemi ta' ġustizzja indipendenti u effettivi, u r-rispett tal-istat tad-dritt. L-UE wriet l-impenn sod tagħha li tiġġieled il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, li tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni, li tippromwovi u li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltajiet u li tappoġġa soċjetà ċivili vibranti u b'saħħitha fl-UE.

Minkejja l-progress li sar taħt il-programmi attwali, għad fadal diversi lakuni fl-oqsma politiċi inkwistjoni u hemm sfidi ġodda li jeħtieġu jiġu indirizzati. L-isfidi komuni li taffaċċja l-UE fil-qasam tal-ġustizzja, id-drittijiet u l-valuri għandhom komponent doppju:

– Il-missjoni tal-Unjoni li tkun komunità bbażata fuq valuri u drittijiet kondiviżi, patrimonju kulturali storiku kondiviż u l-involviment tan-nies, hija mfixkla minn xi movimenti emerġenti li jisfidaw l-idea ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u demokratiċi fejn il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u t-tgawdija tad-drittijiet jagħmluha possibbli li jinbena mod tolleranti ta' għajxien flimkien.

– In-natura frammentata u r-riżorsi limitati tal-programmi ta' finanzjament attwali tal-UE ddedikati għall-valuri, id-drittijiet, iċ-ċittadinanza u l-ġustizzja jillimitaw il-kapaċitajiet tal-UE sabiex twieġeb għal sfidi eżistenti u ġodda. "Nuqqas ta' baġit tal-programmi sabiex tiġi ssodisfata d-domanda" huwa ostakolu li r-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika jgħidu li jista' jippreveni l-programmi attwali milli jilħqu l-objettivi tagħhom.

Analiżi aktar dettaljata turi li:

– In-nies għadhom mhumiex qegħdin igawdu bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom: inugwaljanzi u diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, r-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali għadhom jeżistu. Il-vjolenza għadha realtà fil-ħajja ta' kuljum ta' diversi nisa, tfal u persuni oħrajn fir-riskju;

– Hemm aktar li jrid isir biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jagħrfu l-valuri tal-UE u l-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-UE, u biex jiġi mħeġġeġ livell ogħla ta' parteċipazzjoni politika u soċjetali u fehim aħjar tal-Unjoni, l-istorja, il-patrimonju kulturali u d-diversità tagħha;

– Id-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE - dwar il-moviment liberu, il-protezzjoni konsulari u d-drittijiet elettorali - għadhom mhumiex magħrufin u implementati bis-sħiħ, b'mod li jfixkel il-parteċipazzjoni politika u soċjetali taċ-ċittadini.

– Il-kriżijiet ekonomiċi, l-inugwaljanzi u l-isfidi persistenti bħall-migrazzjoni wasslu ftit sabiex ikollhom dubji dwar id-drittijiet fundamentali u l-valuri li fuqha hija mibnija l-Unjoni Ewropea. F'xi każijiet, l-istat tad-dritt, l-aċċess għall-ġustizzja, l-ispazju għas-soċjetà ċivili u l-indipendenza tal-ġudikatura wkoll qegħdin jiġu kkontestati.

– Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali hija insuffiċjenti u l-aċċess għall-ġustizzja fost l-Istati Membri huwa diffiċli. L-għodod għall-ġbir ta' informazzjoni komparattiva dwar il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri jeħtieġ li jitjiebu. Ostakolu prinċipali għar-

rikonoxximent reċiproku u l-kooperazzjoni ġudizzjarja huwa n-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi ta' ġustizzja ta' Stati Membri oħrajn.

Il-konsegwenzi li ma jiġux indirizzati dawn l-isfidi jistgħu jkunu serji billi l-fiduċja fid-demokrazija u l-appoġġ għar-rispett tal-valuri u d-drittijiet fundamentali jiġu mxekkla.

Dawn l-isfidi huma komuni għall-Istati Membri kollha u għandhom dimensjoni transfruntiera. Filwaqt li azzjoni fuq livell nazzjonali hija importanti, l-Istati Membri individwali ma għandhomx biżżejjed saħħa biex jindirizzaw dawn l-isfidi.

Il-promozzjoni u d-difiża tal-valuri u d-drittijiet tal-UE għandhom implikazzjonijiet profondi għall-ħajja politika, soċjali, kulturali, ġudizzjali u ekonomika tal-Unjoni u jikkontribwixxu biex l-UE jkollha impatt tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum tan-nies. L-azzjoni fuq livell tal-UE f'dan il-qasam għandha bżonn tiġi sostnuta u intensifikata sabiex jiġu indirizzati l-lakuni persistenti u l-isfidi l-ġodda, u jiġu żgurati l-promozzjoni, il-protezzjoni effettiva u r-rispett ta' drittijiet u valuri; dan se jgħin ukoll biex jitlesta s-suq intern u titrawwem il-prosperità u l-koeżjoni fl-UE. Dan jippermetti wkoll lill-UE sabiex ikollha rwol prinċipali fid-difiża u fil-promozzjoni tal-valuri tagħha fuq livell globali, u tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli.

Il-programm il-ġdid tal-Ġustizzja se jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri ta' żona Ewropea ta' ġustizzja bbażata fuq il-valuri tal-Unjoni, l-istat tad-dritt, u r-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u l-effikaċja tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja.

Flimkien ma' programm għad-Drittijiet u l-Valuri, dan il-programm il-ġdid se jifforma parti minn Fond ġdid għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri, b'mod li jgħin biex jiġu sostnuti soċjetajiet miftuħa, demokratiċi, pluralisti u inklużivi. Dan se jgħin ukoll sabiex jagħti s-setgħa lin-nies billi jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri u billi jkompli jiżviluppa qasam tal-ġustizzja tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Il-Fond għall-Ġustizzja, d-Drittijiet u l-Valuri kkontribwixxa direttament għal bosta mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea[2], b'mod partikolari, għall-ħolqien ta' żona ta' ġustizzja u drittijiet fundamentali fuq il-bażi ta' fiduċja reċiproka, suq intern aktar profond u ġust, unjoni ta' swieq kapitali, suq uniku diġitali konness, u Unjoni ta' tibdil demokratiku, tkabbir u impjiegi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Fond għall-Ġustizzja, d-Drittijiet u l-Valuri u ż-żewġ programmi sottostanti tiegħu ta' finanzjament se jgħinu biex jissaħħu u jiġu protetti l-valuri tal-UE u r-rispett tal-istat tad-dritt u biex jiġu sostnuti soċjetajiet miftuħa, demokratiċi, inklużivi u kreattivi mistennija mill-Ewropej. Diġà skont ir-regoli attwali, l-Istati Membri huma meħtieġa li juru li r-regoli u l-proċeduri tagħhom għall-ġestjoni finanzjarja fl-UE huma sodi u l-finanzjament huwa biżżejjed protett mill-abbuż jew mill-frodi. Ġudikatura indipendenti biss li tipproteġi l-istat tad-dritt u ċ-ċertezza tad-dritt fl-Istati Membri kollha tista' fl-aħħar mill-aħħar tiggarantixxi li l-flus mill-baġit tal-UE huma protetti biżżejjed.

Fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE fil-każ ta' defiċjenzi

[2] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/juncker-political-guidelines-speech_mt.pdf

ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Ir-Regolament il-ġdid se jikkomplimenta l-istrumenti li għandhom l-għan li jipproteġu l-valuri komuni tal-UE, inkluż dan il-programm.

Il-programm se jkollu sinerġiji mill-qrib ma' diversi politiki u l-programmi ta' finanzjament tagħhom, b'mod partikolari:

– **il-politiki tal-impjiegi, tal-politiki soċjali u l-politiki tal-edukazzjoni**

  Il-ġustizzja effettiva u l-kapaċità tal-infurzar, pereżempju permezz tat-taħriġ ta' ġuristi;

– **il-politiki esterni, il-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politiki tat-tkabbir**

  Il-promozzjoni tal-valuri u d-drittijiet fl-UE hija riflessa bil-promozzjoni tagħhom fil-livell globali, *inkluż* permezz tar-rabtiet mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġu żviluppati sinerġiji partikolarment mal-azzjoni esterna tal-UE fuq livell multilaterali iżda wkoll fl-għajnuna tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politika tat-tkabbir, biex tiġi żgurata koerenza fil-promozzjoni, pereżempju, ta' aċċess għall-ġustizzja u l-istat tad-dritt.

  Is-sinerġiji jenħtieġ li jissaħħew ukoll bi strumenti ta' azzjoni esterna li jistgħu jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera ma' pajjiżi mhux tal-UE ta' prijorità f'oqsma ta' importanza għal Ewropa sikura u bla periklu.

– **suq uniku**

  Permezz tal-attivitajiet ta' finanzjament dwar id-dritt tal-kumpaniji, id-dritt dwar il-kuntratti u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-programm futur tas-suq uniku se jikkumplimenta l-programm Ġustizzja u se jikkontribwixxi direttament għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-ħolqien ta' żona ta' ġustizzja tal-UE u se jsegwi l-linji politiċi f'dan il-qasam. L-istess japplika fir-rigward tal-politika tal-konsumatur;

– **infrastruttura strateġika**

  Is-sinerġiji dwar id-diġitalizzazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi informatiċi se jiġu żviluppati aktar skont il-programm Ewropa Diġitali;

– **riċerka u innovazzjoni**

  Il-Programm Qafas Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jinkludi attivitajiet li jindirizzaw Soċjetà Inklużiva u Sigura, inklużi l-kwistjonijiet tal-ġustizzja u tal-konsumatur, u teknoloġiji soċjetali rilevanti, inklużi ċ-ċibersigurtà jew l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji abilitanti ewlenin oħrajn. L-iskambju ta' ideat bl-għan li jiġi approfondit il-fehim ta' teknoloġiji avvanzati fis-soċjetà, id-demokrazija u s-sistema ġudizzjarja, u kif għandu jkun hemm enfażi fuq il-benefiċċji tagħhom se jiġi esplorat.

– **il-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika ta' sigurtà**

  Il-programm Ġustizzja u fondi tal-UE oħrajn li jkopru l-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u speċjalment is-sigurtà jikkonverġu billi jimmiraw rispettivament fażijiet differenti tal-attivitajiet u l-proċeduri meħtieġa biex jistabbilixxu spazju Ewropew ta' sigurtà u ġustizzja. Minħabba l-konnessjonijiet intrinsiċi bejn is-sigurtà u l-ġustizzja fil-prattika, se jkun hemm sinerġiji b'mod partikolari f'termini ta' għoti ta' protezzjoni adegwata lil vittmi ta' reati, finanzjament ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta u taħriġ ġudizzjarju, żgurar tal-interoperabbiltà mas-sistema Ewropea ta' informazzjoni

ta' rekords kriminali, titjib ta' kundizzjonijiet ta' detezzjoni u kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-oqsma tal-ġustizzja u s-sigurtà, inkluż permezz ta' aġenziji relatati mal-ġustizzja bħalma huma l-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

– **politika ambjentali**

Il-programm Ġustizzja għandu l-potenzjal li jappoġġa miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u, fost oħrajn, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali[3]. Il-miżuri li jappoġġaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali se jikkumplimentaw u jirrinforzaw programm separat għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi fil-qasam tal-liġi ambjentali u l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati proġetti dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali stabbiliti fir-Regolament LIFE[4]. Dawn se jikkontribwixxu wkoll li jiżguraw li s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja jkunu jistgħu jagħtu aċċess effettiv għall-ġustizzja skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali[5].

– **Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika**

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 tistabbilixxi għan aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għall-programmi tal-UE kollha, b'mira globali ta' 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira globali se tiġi intraċċata permezz ta' sistema ta' punteġġ tal-klima f'livell adegwat ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni annwalment f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz tal-baġit annwali.

Sabiex tappoġġa l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-programm li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi, il-Kummissjoni se tipprova tidentifika l-azzjonijiet rilevanti permezz tat-tħejjija, l-implimentazzjoni, ir-rieżami u l-proċessi ta' valutazzjoni tal-programm.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 81(1) u (2) u l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 81(1) TFUE jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżviluppa l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera. L-Artikolu 81(2) TFUE jipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw ir-rikonoxximent u l-infurzar reċiproku tas-sentenzi; in-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji; l-aċċess effettiv għall-ġustizzja u l-appoġġ fit-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju.

L-Artikolu 82(2) TFUE jipprovdi għal miżuri li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

---

3 Id-Direttiva 2008/99.

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 Test b'relevanza għaż-ŻEE

5 Id-Deċiżjoni 2005/370/KE.

Il-kombinazzjoni tal-Artikoli 81 u 82 TFUE tippermetti approċċ komprensiv li jgħin fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, b'mod partikolari materji transsettorjali li jolqtu ż-żewġ oqsma.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-attivitajiet ta' finanzjament proposti jħarsu l-prinċipji Ewropej ta' valur miżjud u tas-sussidjarjetà. Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq l-objettivi li ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali. L-attivitajiet koperti minn dan ir-Regolament jikkontribwixxu għall-applikazzjoni effikaċi tal-*acquis* billi jiżviluppaw fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, iżidu l-kooperazzjoni transfruntiera u l-ħolqien ta' netwerks u jiżguraw applikazzjoni korretta, koerenti u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni madwar l-Unjoni kollha. L-Unjoni hija f'qagħda aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transfruntiera u tipprovdi Pjattaforma Ewropea għal tagħlim reċiproku. Se jingħata appoġġ biex ikun hemm bażi analitika soda għas-sostenn u l-iżvilupp ta' politiki. Permezz tal-intervent tal-Unjoni jkun possibbli li dawn l-attivitajiet ikun segwiti b'mod konsistenti fl-Unjoni kollha u dan l-intervent iġib miegħu l-ekonomiji ta' skala.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu rikjest biex jintlaħaq l-għan iddikjarat fil-livell Ewropew.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm Ġustizzja 2014-2020 turi li dan wassal għal valur miżjud Ewropew kbir. L-Istati Membri li jaġixxu waħedhom ma jkunux jistgħu jiksbu l-istess riżultat f'termini ta' daqs u ambitu: Dan hu minnu kemm għall-objettiv ġenerali tal-programm, jiġifieri l-iżvilupp ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq rikonoxximent u fiduċja reċiproka, u kemm għall-għanijiet speċifiċi tiegħu. Il-benefiċjarji qablu li għall-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja u għall-infurzar bla intoppi u kkoordinat tad-dritt tal-UE, huwa essenzjali li jiġi pprovdut taħriġ ġudizzjarju fuq livell Ewropew. Fl-istess ħin, l-azzjoni imħaddna mill-għanijiet speċifiċi tat-taħriġ ġudizzjarju hija kkunsidrati sostenibbli minħabba li tħaddan il-ksib ta' għarfien u kompetenzi legali durabbli, filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi għall-opportunitajiet ta' netwerking u li tibni l-fiduċja fost il-persunal ġudizzjarju ta' Stati Membri differenti.

It-tipi ta' attività ffinanzjati mill-programm u r-riżultati tal-proġetti huma effettivi fit-titjib ta' għarfien dwar il-liġijiet u l-politiki tal-Unjoni. Il-prestazzjoni tal-programm Ġustizzja hija perċepita bħala titjib fuq il-programmi preċedenti, f'termini kemm ta' politika mmirati u l-involviment tal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati filwaqt li d-distribuzzjoni ta' sforzi fost l-objettivi tal-programm tista' tiġi bbilanċjata fil-futur. Għad hemm bżonn ta' sforzi biex jintlaħqu l-gruppi fil-mira kollha fl-Istati Membri kollha u sabiex l-attivitajiet ta' komunikazzjoni jkunu jistgħu jiġu msaħħa.

In-natura tal-programm għamilha posibbli li tiġi żgurata l-flessibbiltà operazzjonali, b'mod li l-Kummissjoni setgħet taddatta l-programm ta' ħidma annwali għall-bżonnijiet emerġenti fil-qasam tal-politika dwar il-ġustizzja. B'mod ġenerali, il-programm huwa rilevanti u allinjat ħafna mal-ħtiġijiet ta' ċerti gruppi fil-mira, iżda analiżi aktar sistematika tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tista' tiġi kkunsidrata. B'mod partikolari, dan għandu l-abilità prinċipali

li jadatta l-prijoritajiet tiegħu għall-bżonnijiet emerġenti fil-qasam tal-politika tal-ġustizzja sabiex jindirizza l-kwistjonijiet l-aktar rilevanti. Dan huwa prodott tal-objettivi speċifiċi wiesgħa tal-programm; billi inkorpora numru ta' programmi mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Din il-flessibbiltà f'termini ta' politika u l-istabbiliment ta' aġenda hija ċ-ċavetta li twassal għal riżultati tajba tal-programm. Il-Programm jippreżenta livell tajjeb ta' koerenza u komplementarjetà ma' strumenti, programmi u azzjonijiet oħra tal-UE. Il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni ma' programmi u proġetti oħra tal-UE se jkunu strumentali għal aktar koerenza.

L-implimentazzjoni tal-programm Ġustizzja kienet sodisfaċenti rigward l-għotjiet għal azzjoni u għotjiet operattivi, iżda jenħtieġ li l-ippjanar bil-quddiem ta' azzjoni dwar l-akkwisti jitjiebu. Ma hemmx wisq skop li jintużaw strumenti ta' finanzjament alternattivi bħalma huma strumenti finanzjarji innovattivi. Il-benefiċjarji jikkunsidraw l-istrumenti preżenti (għotjiet għal azzjoni, għotjiet operattivi u attivitajiet ta' akkwist) bħala adegwati għall-ħtiġijiet tal-programm Ġustizzja. Madankollu, hemm lok għal razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar fil-kuntest tal-għotjiet, filwaqt li jiġi żgurat l-kontroll meħtieġ fuq l-infiq ta' riżorsi pubbliċi.

L-indikaturi speċifiċi għall-programm huma adegwati biex isir monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-programm, iżda huma kultant diffiċli biex jitkejlu minħabba n-nuqqas ta' għodod adegwati (pereżempju stħarriġ tas-sodisfazzjon).

Il-kapaċità tal-parteċipanti kienet meqjusa bħala fattur ewlieni li jinfluwenza l-prestazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati billi l-kapaċità (amministrattiva, finanzjarja u organizzattiva) limitata tista' tkun raġuni għal parteċipazzjoni limitata fl-attivitajiet tal-programm (speċjalment f'ċerti Stati Membri). Il-bini ta' kapaċità u assistenza teknika jista' għalhekk ikun meħtieġ.

Ma hemm l-ebda skop ċar għal aktar simplifikazzjoni rigward il-mod ta' ġestjoni tal-programm. Il-mod attwali ta' ġestjoni diretta huwa adegwat għat-tali daqs ta' programm, filwaqt li modi alternattivi (bħal ġestjoni kondiviża) aktarx li jwasslu għal riżorsi li jkunu mifruxa b'mod dejjaq, b'mod li titnaqqas il-kapaċità tal-programm biex jiġu kkonċentrati r-riżorsi fuq prijoritajiet komuni u kwistjonijiet emerġenti. Is-simplifikazzjoni tista' tiġi mfittxija, skont il-benefiċjarji, fir-rigward tal-abbozzar u l-forniment ta' kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji ta' informazzjoni meħtieġa meta jipparteċipaw f'sejħiet għal proposti.

Barra minn hekk, hemm skop għall-adattament tal-Portal tal-Parteċipanti għall-bżonnijiet tad-diversi tipi ta' organizzazzjoni li tipikament japplikaw għall-programm (pereżempju l-istituzzjonijiet ta' taħriġ). F'dan ir-rigward, it-tendenza lejn id-diġitilizzazzjoni gradwali tqieset b'mod ċar bħala pożittiva u jenħtieġ li titkompla.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija ta' konsultazzjoni li tappoġġa l-ħidma preparatorja tal-Programm inkludiet konsultazzjoni pubblika mwettqa fil-qafas tal-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020 (QFP) fil-qasam tal-valuri u l-mobilità, konsultazzjoni pubblika fil-qafas ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi ta' finanzjament attwali u diversi konsultazzjonijiet *ad hoc* organizzati mill-Kummissjoni fil-forma ta' diskussjonijiet madwar mejda mal-partijiet ikkonċernati, konferenzi u seminars fuq il-kwistjonijiet koperti mill-valutazzjoni tal-impatt, li tibni fil-parti l-kbira fuq l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet.

KONSULTAZZJONI PUBBLIKA MIFTUĦA DWAR IL-FONDI TAL-UE FIL-QASAM TAL-VALURI U TAL-MOBBILTÀ

Saru konsultazzjonijiet fil-kuntest ta' evalwazzjonijiet ta' programmi finanzjarji tal-UE eżistenti li jkopru diversi oqsma politiċi, u b'mod partikolari li raw il-prestazzjoni attwali u l-isfidi futuri. L-għan tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fuq il-fondi tal-UE fil-qasam tal-valuri u l-mobbiltà kien li jinġabru l-perspettivi tal-partijiet ikkonċernati kollha dwar kif l-aħjar tintuża kull euro tal-baġit tal-UE. Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-fondi tal-UE fil-qasam ta' valuri u l-mobilità kienet miftuħa mill-10 ta' Jannar 2018 sad-9 ta' Marzu 2018 fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE.

B'rispons għal konsultazzjoni pubblika onlajn dwar il-fondi tal-UE fl-oqsma ta' valuri u mobilità, il-Kummissjoni rċeviet total ta' 1 839 tweġiba minn madwar l-Ewropa kollha. Minn dawn, 52 % ġew minn rispondenti b'esperjenza f'Erasmus + u 43 % ġew minn rispondenti b'esperjenza fil-programm Ewropa Kreattiva.

Kien hemm tal-inqas tweġiba waħda minn kull Stat Membru. Il-pajjiż ta' residenza bl-aktar kontribuzzjonijiet globali kien il-Ġermanja (24,4 %), segwit minn Franza (8,7%), il-Belġju (7,7 %) u Spanja (5,4 %).

Mill-1 839 kontribuzzjoni li daħlu permezz ta' kwestjonarju onlajn, 65,2 % (1 199) kienu minn organizzazzjonijiet u 34,8 % (640) minn individwi.

Firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati esprimew l-opinjonijiet tagħhom: mill-1 199 kontribuzzjoni minn organizzazzjonijiet, 355 (19,3 %) ġew minn organizzazzjonijiet, pjattaformi jew netwerks mhux governattivi, 270 (14,7 %) minn intrapriżi privati (l-aktar l-intrapriżi mikro u żgħar) u 127 (6,9 %) minn riċerkaturi u akkademiċi.

L-analiżi miġbura fil-qosor hawn 'l isfel tagħmel enfażi fuq ir-rispondenti li għandhom esperjenza fil-programmi tal-UE li ġejjin:

1. Programm Ewropa għaċ-Ċittadini u / jew

2. Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u / jew

3. Programm Ewropa Kreattiva u / jew

4. Programm Ġustizzja

Hawn isfel hawn xi riżultati ewlenin:

– Skont ir-rispondenti, "Il-promozzjoni tal-identità Ewropea u l-valuri komuni" u "l-promozzjoni tad-drittijiet u tal-ugwaljanza" huma sfidi politiċi komuni importanti (fost l-ewwel erba' sfidi msemmija) li jenħtieġ li jiġu indirizzati f'kull wieħed mill-erba' programmi. "L-appoġġ taċ-ċittadinanza attiva, il-parteċipazzjoni demokratika fis-soċjetà u l-istat tad-dritt" u "Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġustizzja" jidhru wkoll li huma sfidi importanti li jenħtieġ li jiġu indirizzati fil-programmi rilevanti iżda

b’mod anqas fil-programm Ewropa Kreattiva, li għalih l-isfidi ekonomiċi u d-diversità kulturali huma aktar importanti.

– “L-appoġġ tal-innovazzjoni”, “It-trawwim tad-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropej”, “Il-promozzjoni ta’ identità Ewropea u valuri komuni” jitqiesu politiki li jindirizzaw b'mod sħiħ jew pjuttost tajjeb l-isfidi esperjenzati minn nofs ir-rispondenti jew aktar tal-erba’ programmi kkonċernati. Saħansitra, 52 % tar-rispondenti b’esperjenza fil-programm Ewropa Kreattiva jqisu li l-politika għall-“Appoġġ tal-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej” tindirizza l-isfidi kompletament jew pjuttost tajjeb.

– Madwar 80 % tar-rispondenti b’esperjenza fl-erba’ programmi tal-UE msemmija hawn fuq jaqblu li dawn il-programmi jżidu l-valur b'ammont kbir jew pjuttost tajjeb fir-rigward ta' dak li l-Istati Membri jistgħu jakkwistaw fuq livelli nazzjonali, reġjonali u / jew lokali.

– L-ostakli prinċipali identifikati mir-rispondenti li jistgħu jżommu l-programmi / fondi preżenti milli jilħqu l-għanijiet tagħhom huma simili ħafna minkejja l-programm ikkonċernat: “Nuqqas ta’ baġit tal-programmi biex tiġi ssodisfata d-domanda”; “Nuqqas ta’ appoġġ mogħti lil partijiet ikkonċernati ta’ skala żgħira”; “Nuqqas ta’ appoġġ għal applikanti tal-ewwel darba” ġew identifikati bħala t-tliet ostakoli prinċipali.

– Ir-rispondenti b’esperjenza f’wieħed mill-erba’ programmi tal-UE, jew aktar, jaqblu li “l-użu ta’ forom tal-appiklazzjoni aktar simplifikati”, “il-faċilitazzjoni ta’ netwerks u sħubijiet strutturati”, “il-faċilitazzjoni tal-finanzjament għall azzjonijiet li jaqsmu s-setturi ta’ azzjonijiet” u “koordinazzjoni aħjar bejn il-programmi / fondi differenti” huma l-passi prinċipali li għandhom jittieħdu sabiex il-piż amministrattiv jiġi ssimplifikat u jiġi mnaqqas għall-benefiċjarji.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt kienet imħejjija biex tanalizza proposta possibbli sabiex il-programm Kultura, Drittijiet u Valuri Ewropej jgħaqqad fi ħdanu l-programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza 2014-2020, il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini u l-programm Ewropa Kreattiva - u l-programm Ġustizzja. Il-Kummissjoni ddeċidiet li jkollha programm Ewropa Kreattiva għalih u li toħloq Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri b’żewġ programmi ta’ finanzjament sottostanti: il-programm Ġustizzja u l-programm Drittijiet u Valuri. Il-valutazzjoni tal-impatt tibqa’ valida meta tirfed dawn l-inizjattivi kollha.

Fl-20 ta' April 2018, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt mehmuż. Il-Bord inkluda rakkomandazzjoni sabiex jitjieb aktar ir-rapport, li xi aspetti ewlenin minnu huma l-isfruttament sħiħ tal-eżiti tal-evalwazzjoni u r-riżultati tas-sejbiet, tfassil aħjar ta’ prijoritajiet futuri u kjarifika tal-impatti mistennija tat-tibdiliet fil-mekkaniżmi eżekuttivi. Dawn l-aspetti ġew imsaħħa fil-verżjoni finali tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni tal-impatt ġabret il-tagħlimiet meħuda mill-programm Ewropa Kreattiva, il-programm ta’ Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini u l-programm dwar il-Ġustizzja u pproponiet struttura ġdida. Din esplorat ukoll mekkaniżmi li jippromwovu l-valuri u l-kultura tal-UE filwaqt li jintlaħqu l-objettivi ta’ effiċjenza, flessibbiltà, sinerġiji u simplifikazzjoni stabbiliti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu tqiesu debitament. Kull programm evalwat wera valur miżjud ċar. Bit-tqassim il-ġdid, se jkun possibbli aktar sfruttament tal-potenzjal tal-programmi attwali għall-promozzjoni tal-valuri tal-UE u żdieda fil-valur miżjud tal-UE.

Ġew analizzati tliet xenarji prinċipali:

- L-i*status quo* taż-żamma ta' erba' programmi ta' finanzjament taħt is-sottokategorija "Valuri" tal-baġit tal-UE, jiġifieri l-programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-programm Ġustizzja, il-programm Ewropa Kreattiva, il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini.
- Bħala alternattiva għas-sitwazzjoni u x-xenarju bażi attwali, it-tieni xenarju ppropona li jiġu żviluppati sinerġiji fost il-programmi attwali u li dawn jiġu magħquda biex jifformaw kappell politiku uniku dwar il-valuri tal-UE b'żewġ programmi ta' finanzjament sottostanti: il-programm Kultura, Drittijiet u Valuri Ewropej u l-programm Ġustizzja.
- It-tielet xenarju involva l-ħolqien ta' programm uniku ta' finanzjament li jkopri dawn l-erba' programmi ta' finanzjament elenkati aktar 'il fuq.

***Ix-xenarju bażi: l-istatus quo b'erba' programmi ta' finanzjament u tnaqqis baġitarju proporzjonali ta' 15 %***

L-analiżi tax-xenarju bażi bi tnaqqis possibbli ta' 15% tal-finanzi disponibbli turi li jkun hemm konsegwenzi negattivi għall-implimentazzjoni tal-politika. B'mod partikolari:

Tnaqqis ta' 15 % fil-finanzjament tal-programm ta' **Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (REC)** jirriżulta fi prijoritizzazzjoni annwali, jiġifieri konċentrazzjoni tal-finanzjament f'xi oqsma politiċi f'sena waħda u l-promozzjoni ta' oqsma politiċi oħrajn fis-snin ta' wara, f'kontradizzjoni mal-bżonnijiet li dejjem qegħdin jikbru fil-qasam. Dan it-tnaqqis jimplika wkoll it-tnaqqis ta' studji, ġbir ta' data, kampanji ta' sensibilizzazzjoni eċċ., li huma kollha neċessarji għal politika u leġiżlazzjoni mibnija fuq bażi soda u fuq l-evidenza.

Għall-**programm Ewropa għaċ-Ċittadini**, tnaqqis baġitarju ta' 15 % jfisser tnaqqis fil-baġit tal-linja bażi għal EUR 157 miljun li mhuwiex biżżejjed għall-impenn tal-Kummissjoni li tqiegħed iċ-ċittadini fiċ-ċentru tal-proċess Ewropew. Il-massa kritika tal-parteċipanti u l-kopertura ġeografika tal-attivitajiet neċessarji biex jintlaħaq l-impatt intenzjonat ma jibqgħux jintlaħqu. Allokazzjoni baġitarja stabbli (ibbażat fuq il-baġit 2017) jippermetti kontinwità iżda xorta jkollha impatt limitat.

Tnaqqis ta' 15 % fil-finanzjament għas-**sottoprogramm MEDIA ta' Ewropa Kreattiva** inevitabbilment jimplika simplifikazzjoni u konċentrazzjoni dwar għadd limitat ta' azzjonijiet. Tnaqqis fil-finanzjament ikollu impatt sproporzjonat fuq pajjiżi bi produzzjoni aktar baxxa u / jew fuq pajjiżi b'żona ġeografika/lingwistika ristretta. Dan inaqqas ukoll l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ għal professjonisti awdjoviżivi u n-numru ta' koproduzzjonijiet tal-UE, li huma xogħlijiet li jivvjaġġaw l-aħjar tul il-fruntieri. It-tnaqqis fl-ambitu tan-netwerk ta' operaturi taċ-ċinema jkollu impatt negattiv fuq l-aċċess taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari dawk mill-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, għal kontenut Ewropew maħdum barra minn pajjiżhom.

Tnaqqis ta' 15 % għas-sottoprogramm Kultura ta' **Ewropa Kreattiva** mhux se jagħmilha possibbli li tintlaħaq massa kritika biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-setturi kulturali u kreattivi. Dan jimplika b'mod partikolari impatt imnaqqas fuq il-valur miżjud Ewropew u għalhekk impatt imnaqqas fuq id-diversità kulturali, inqas opportunitajiet għal kooperazzjoni transfruntiera, inqas opportunitajiet tas-suq u inqas possibiltajiet ta' karriera għall-prattikanti mis-setturi kulturali u kreattivi. L-impatt soċjali jitnaqqas u l-ftuħ internazzjonali tal-programm jista' jkun li jkun hemm bżonn jiġi limitat għal-livell tiegħu qabel l-2014 u li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi msieħba ġirien prinċipali tal-UE tiġi abbandunata.

Il-**Garanzija Finanzjarja** għas-setturi kulturali u kreattivi tista' tkun mhedda, u dan ikun ta' detriment għas-Setturi Kulturali u Kreattivi, speċjalment għall-pajjiżi tal-Lvant fejn is-swieq finanzjarji huma inqas żviluppati u fejn għalhekk hemm inqas possibbiltajiet ta' aċċess għal finanzi.

*Alternattiva mwarrba fil-valutazzjoni tal-impatt: programm wieħed*

Għal raġunijiet relatati mal-bażi legali, twarrbet l-alternattiva proposta fit-tielet xenarju tal-istrument / programm uniku. Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet u l-politiki huma bbażati fuq artikoli li jipprovdu proċedura leġiżlattiva ordinarja ħlief għall-programm attwali Ewropa għaċ-Ċittadini. Attwalment, l-enfażi prinċipali tal-programm Ewropa għaċ-Ċittadini huwa fuq il-parteċipazzjoni ċivika u għalhekk huwa bbażat fuq l-Artikolu 352 TFUE (unanimità). Wara analiżi, l-objettivi tal-attivitajiet korrispondenti, li kieku l-enfażi tagħhom jiġi mibdul sa ċertu punt, jistgħu jiġu adattati sabiex jidħlu fl-approċċ il-ġdid ta' programm usa'; fit-tali każ, dawn jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 167(1) u (2) TFUE, li jipprovdi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda rigward iż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja u l-pożizzjoni tad-Danimarka kif stabbiliti fil-Protokolli 21 u 22 annessi mat-Trattati, jenħtieġ li l-Programm Ġustizzja, filwaqt li jirregola wkoll il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jibqa' strument separat.

*Alternattiva proposta fil-valutazzjoni tal-impatt: qafas ta' Valuri tal-UE b'żewġ programmi ta' finanzjament*

L-analiżi turi li hemm lok għal titjib f'relazzjoni mas-sitwazzjoni attwali ta' erba' programmi ta' finanzjament. Għalhekk, bħala alternattiva għas-sitwazzjoni u x-xenarju bażi preżenti, huwa propost li jiġu żviluppati sinerġiji fost il-programmi u linji prerogattivi attwali u li dawn jiġu kkombinati f'chapeau politiku uniku fuq il-Valuri tal-UE b'żewġ programmi bażi ta' finanzjament: il-programm Kultura, Drittijiet u Valuri Ewropej u l-programm Ġustizzja, kif ippreżentati hawn taħt:

L-arkitettura l-ġdida tal-finanzjament tal-futur bħala alternattiva għax-xenarju bażi timmira lejn:

– l-iżvilupp ta' sinerġiji fost il-politiki sabiex tinstab raġuni komuni għal azzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom;
– it-tnaqqis fit-trikkib u l-frammentazzjoni;
– l-iżgurar tal-flessibiltà fl-allokazzjoni tal-fondi, filwaqt li jiġi żgurat ċertu ammont ta' prevedibbiltà ta' finanzjament iddedikat għal kull politika;
– it-trawwim ta' azzjonijiet transsettorjali u innovattivi;
– l-iżgurar ta' massa kritika ta' riżorsi għall-promozzjoni ta' valuri, filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet ta' kull politika.

*Alternattiva aċċettata*

Il-Kummissjoni ddeċidiet li jkollha programm Ewropa Kreattiva għalih u li toħloq Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri li jinkludi żewġ programmi: il-programm Ġustizzja u l-programm Drittijiet u Valuri. Il-valutazzjoni tal-impatt tibqa' valida meta tirfed dawn l-inizjattivi. Din id-deċiżjoni hija riflessa fil-pakkett ta' proposta tal-MFF ta' wara l-2020 li l-Kummissjoni ppreżentat fit-02/05/2018[6].

- **Simplifikazzjoni**

[6] COM(2018) 321.

Il-miżuri ta' simplifikazzjoni, pereżempju somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, se jiġu segwiti fl-implimentazzjoni tal-programm tal-Ġustizzja.

Il-kumplessità u l-eteroġeneità tar-regoli ta' finanzjament għall-programmi attwali jirrappreżentaw ostaklu għall-applikanti. L-użu ta' punt ta' kuntatt waħdieni għal utenti esterni biex jipparteċipaw fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-għotjiet (jiġifieri portal għall-parteċipanti ), inkluża sistema ġenerali ta' ġestjoni tal-għotjiet, għandu sehem importanti fis-semplifikazzjoni tal-aċċess għall-programm. Il-programm Ġustizzja se jibqa' jiġi ġestit mis-sistema korporattiva tal-Kummissjoni tal-IT żviluppata attwalment fuq il-bażi ta' H2020.

- **Drittijiet fundamentali**

L-objettivi tal-programm huma marbutin mill-qrib mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u huma konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. B'mod partikolari, il-programm Ġustizzja (u l-programm Drittijiet u Valuri) se jagħmel parti mill-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri tal-baġit tal-UE bil-għan li jsostni soċjetajiet miftuħin, demokratiċi u inklużivi, b'mod li jagħti s-setgħa lin-nies permezz tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri, u permezz ta' iktar żvilupp fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm Ġustizzja għall-perjodu ta ' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027 se jkun [EUR 305 000 000] (prezzijiet attwali).

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tkompli tmexxi l-programm Ġustizzja direttament kemm għal għotjiet u akkwisti.

Se jiġi żviluppat pjan ta' implimentazzjoni biex jiġu speċifikati l-akkordji għat-tmexxija tal-programm.

Se jiġi żviluppat pjan ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiġi speċifikat kif se jitwettqu fil-prattika l-azzjonijiet, u taħt liema strateġija dwar id-data. Il-programm se jkun issorveljat kemm kontinwament (pereżempju biex jirrispondi b'mod tempestiv għal avvenimenti mhux prevedibbli u ħtiġijiet eċċezzjonali mhux mistennija) u fuq bażi regolari (biex jiġu rrapportati avvenimenti prinċipali bħalma huma sejħiet għal proposti, reċensjonijiet ta' proġetti, koordinazzjoni u disseminazzjoni ta' avvenimenti) u, fejn rilevanti, il-monitoraġġ se jikkontribwixxi għall-indikaturi ewlenin tal-programm. Ir-rapporti tal-monitoraġġ b'hekk se jikkontribwixxu għal:

– evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (mhux aktar tard minn erba' snin wara li tibda l-implimentazzjoni tal-programm), flimkien mal-evalwazzjoni finali tal-programmi preċedenti; u

– evalwazzjoni finali (mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmien tal-perjodu ta' programmazzjoni).

Dawn l-evalwazzjonijiet se jitwettqu skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[7], fejn it-tliet istituzzjonijiet kkonfermaw li l-evalwazzjonijiet ta' leġiżlazzjoni u politika eżistenti jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' għażliet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-programm fuq il-post fuq il-bażi ta' indikaturi / miri ta' programm u analiżi ddettaljata dwar kemm il-programm jista' jitqies rilevanti, effettiv u effiċjenti, tipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u tkun koerenti ma' politiki oħra tal-UE. Dawn se jinkludu lezzjonijiet mitgħallma sabiex jiġu indirizzati kull nuqqas / problema identifikat(a) jew kull potenzjal biex jitjiebu aktar l-azzjonijiet jew ir-riżultati u biex jiġu mmassimizzati l-użu / l-impatt tagħhom.

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lil kull istituzzjoni rilevanti oħra tal-UE, permezz ta' rapporti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u tabella ta' valutazzjoni pubblika tal-indikaturi ewlenin tal-programm.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-approċċ propost huwa li jikkombina s-simplifikazzjoni ta' proċeduri ta' finanzjament, kif mitlub mill-partijiet involuti kollha, b'approċċ orjentat aktar lejn ir-riżultati.

Il-proposta tistabbilixxi l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm (l-Artikolu 3), u t-tipi ta' attivitajiet li jeħtieġ jiġu ffinanzjati (Anness I). L-objettivi ġenerali u speċifiċi jiddefinixxu l-ambitu tal-programm (oqsma politiċi), filwaqt li t-tipi ta' attività huma orjentati lejn finanzjament, japplikaw għall-oqsma politiċi kollha kkonċernati u jipprovdu definizzjoni trażversali ta' outputs possibbli. Fl-istess ħin, it-tipi ta' attività juru fejn il-finanzjament jista' verament iżid il-valur fil-kisba tal-objettivi ta' politika.

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni tistabbilixxi kull sena l-prijoritajiet ta' finanzjament fl-oqsma rispettivi ta' politika. Il-parteċipazzjoni hija miftuħa għall-entitajiet legali kollha stabbiliti f'Istat Membru jew f'pajjiż mhux tal-UE li jkun qiegħed jipparteċipa, bl-ebda restrizzjonijiet ulterjuri għall-aċċess għall-programm.

Din l-istruttura tippermetti s-simplifikazzjoni u sabiex il-programm jiġi mmirat aktar lejn il-ħtiġijiet u l-iżviluppi politiċi. Barra minn hekk, din tipprovdi kuntest stabbli għal evalwazzjoni, billi l-objettivi speċifiċi għandhom rabta diretta ma' indikaturi li se jibqgħu konsistenti għad-durata kollha tal-programm u se jiġu ssorveljati u evalwati b'mod regolari. Għal raġunijiet ta' flessibbiltà u implimentazzjoni aħjar, mhux qiegħed jiġi propost li l-ammonti speċifiċi jiġu riżervati għal objettivi speċifiċi individwali fi ħdan il-programm.

[7] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

2018/0208 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm Ġustizzja**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 81(1) u (2), Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel". L-Artikolu 3 jispeċifika ulterjorment li l-"mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha" u, fost oħrajn, "hija għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew". Dawn il-valuri huma affermati mill-ġdid ulterjorment u artikolati fid-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta").

(2) Dawn id-drittijiet u l-valuri jridu jkomplu jiġu promossi u infurzati, kondiviżi fost iċ-ċittadini u l-popli fl-Unjoni u jkunu fil-qalba tas-soċjetajiet tal-Ewropa. Għalhekk, **Fond għall-Ġustizzja, d-Drittijiet u l-Valuri**, ġdid li jinkludi l-programmi **Drittijiet u Valuri** u **Ġustizzja** se jkun maħluq fil-baġit tal-Unjoni. Fi żmien fejn is-soċjetajiet Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' estremiżmu, radikaliżmu u diviżjonijiet, huwa aktar importanti minn qatt qabel li jiġu promossi, imsaħħa u protetti l-ġustizzja, id-drittijiet u l-valuri tal-UE: id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt. Dan se jkollu implikazzjonijiet diretti u profondi għall-ħajja politika, soċjali, kulturali u ekonomika fl-UE. Bħala parti mill-Fond il-ġdid, il-Programm Drittijiet u Valuri se jlaqqa' flimkien il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE)

[8] ĠU C , , p. .
[9] ĠU C , , p. .

Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 390/2014 tal-Kunsill[11]. Il-programm Ġustizzja (minn hawn 'il quddiem il-"Programm") se jkompli jappoġġa l-iżvilupp ta' żona ta' ġustizzja Ewropea integrata u l-kooperazzjoni transfruntiera, f'kontinwità mal-Programm Ġustizzja 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] (minn hawn 'il quddiem "il-Programm preċedenti").

(3) Il-Fond għall-Ġustizzja, d-Drittijiet u l-Valuri u ż-żewġ programmi ta' finanzjament sottostanti tiegħu jiffokaw primarjament fuq in-nies u l-entitajiet li jikkontribwixxu biex jagħmlu l-valuri komuni, id-drittijiet u d-diversità rikka tagħna ħajjin u vibranti. L-objettiv aħħari tal-Unjoni huwa li titrawwem u tiġi sostnuta s-soċjetà tagħna bbażata fuq id-drittijiet, l-ugwaljanza, l-inklużività u d-demokrazija. Dan jinkludi soċjetà ċivili vibranti, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika, ċivika u soċjali tal-poplu u li titrawwem id-diversità rikka tas-soċjetà Ewropea, ibbażata wkoll fuq l-istorja u l-memorja komuni tagħna. L-Artikolu 11 tat-Trattat tal-UE jispeċifika ulterjorment li l-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha ta' l-Unjoni.

(4) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Għal dank il-għan, l-Unjoni tista' tadotta miżuri għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għall-prinċipji u valuri komuni bħan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, l-istat tad-dritt u sistema ġudizzjarja indipendenti li tiffunzjona b'mod tajjeb jiġu żgurati fl-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja.

(5) Il-finanzjament jenħtieġ li jibqa' wieħed mill-għodod importanti għall-implimentazzjoni ta' suċċess tal-miri ambizzjużi stabbiliti mit-Trattati. Dawn jenħtieġ li jinkisbu fost l-oħrajn billi jiġi stabbilit programm Ġustizzja flessibbli u effettiv li jenħtieġ li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet.

(6) Għall-istabbiliment gradwali ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Unjoni għandha tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li huwa element ewlieni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999. Ir-rikonoxximent reċiproku jeħtieġ livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Ġew adottati miżuri biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri f'diversi oqsma sabiex jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent reċiproku u titrawwem il-fiduċja reċiproka. Qasam tal-ġustizzja li jiffunzjona tajjeb, fejn jiġu eliminati l-ostakoli fil-proċedimenti ġudizzjarji

---

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62)

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perijodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3)

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62).

transfruntiera u l-aċċess għall-ġustizzja f'sitwazzjonijiet transfruntiera, huwa wkoll kruċjali biex jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku.

(7) Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għal livell għoli ta' fiduċja reċiproka fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, b'mod partikolari għall-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva f'materji ċivili u kriminali li hija bbażata fuq rikonoxximent reċiproku. L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikoli 19(1) TUE u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali huwa espressjoni konkreta tal-istat tad-dritt. Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt permezz tal-appoġġ għall-isforzi biex jittejbu l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza ta' sistemi ġudizzjarji nazzjonali, issaħħaħ il-fiduċja reċiproka li hija indispensabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.

(8) Skont l-Artikoli 81(2)(h) u 82(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, l-Unjoni għandha tappoġġja t-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju bħala għodda biex tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjali f'materji ċivili u kriminali bbażati fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji. It-taħriġ ta' professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja huwa għodda importanti għall-iżvilupp ta' fehim komuni ta' kif l-aħjar jitħares l-istat tad-dritt. Jikkontribwixxi għall-bini tal-ispazju Ewropew tal-ġustizzja billi joħloq kultura ġudizzjarja komuni fost il-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja tal-Istati Membri. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li ssir applikazzjoni korretta u koerenti tad-dritt fl-Unjoni u li jkun hemm fiduċja reċiproka bejn il-professjonisti tal-ġustizzja fi proċedimenti transfruntiera. L-attivitajiet ta' taħriġ appoġġjati mill-Programm jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjonijiet b'saħħithom tal-bżonnijiet ta' taħriġ, jużaw metodoloġiji tat-taħriġ bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jinkludu avvenimenti tranfruntiera li jiġbru flimkien lill-professjonisti tal-ġustizzja minn Stati Membri differenti, ikunu magħmulin minn elementi ta' tagħlim u netwerking attivi u jkunu sostenibbli.

(9) It-taħriġ ġudizzjarju jista' jinvolvi atturi differenti, bħall-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi tal-Istati Membri, istituzzjonijiet akkademiċi, entitajiet nazzjonali responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju, organizzazzjonijiet jew netwerks ta' taħriġ fil-livell Ewropew, jew netwerks ta' koordinaturi tal-qorti tal-liġi tal-Unjoni. Il-korpi u l-entitajiet li jfittxu interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura, bħan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (European Judicial Training Network, "EJTN"), l-Akkademja tal-Liġi Ewropea ("ERA"), in-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (European Network of Councils for the Judiciary, "ENCJ"), l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea ("ACA-Europe"), in-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea ("RPCSJUE") u l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (European Institute of Public Administration, "EIPA"), jenħtieġ li jkomplu jaqdu r-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' programmi ta' taħriġ b'dimensjoni Ewropea ġenwina għall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju, u għaldaqstant ikunu jistgħu jingħataw appoġġ finanzjarju adegwat f'konformità mal-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

(10) Il-programm jenħtieġ li jappoġġja l-programm ta' ħidma annwali tal-EJTN, li huwa attur essenzjali tat-taħriġ ġudizzjarju. L-EJTN jinsab f'sitwazzjoni eċċezzjonali, minħabba li huwa l-uniku netwerk fuq livell tal-Unjoni li jiġbor flimkien lill-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju tal-Istati Membri. Dan jinsab f'pożizzjoni unika biex jorganizza skambji għal imħallfin u prosekuturi ġodda u esperjenzati bejn l-Istati Membri kollha u biex jikkoordina l-ħidma tal-korpi nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju rigward l-

organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ fuq id-dritt tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' prattiki tajba ta' taħriġ. L-EJTN huwa wkoll fornitur ta' attivitajiet ta' taħriġ ta' kwalità eċċellenti mwassla bl-aktar mod kosteffikaċi fuq livell tal-UE. Barra minn hekk, jinkludi lill-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju ta' pajjiżi kandidati bħala membri osservaturi.

(11) Il-miżuri skont il-Programm jenħtieġ li jappoġġaw ir-rikonoxximent reċiproku msaħħaħ ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji u l-approssimazzjoni neċessarja ta' leġiżlazzjoni li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet relevanti kollha, inklużi l-Unitajiet tal-Intelligenza Finanzjarja, u l-protezzjoni ġudizzjarja ta' drittijiet individwali f'materji ċivili u kummerċjali. Il-Programm jenħtieġ ukoll li javvanza l-leġiżlazzjoni proċedurali għal każijiet transfruntiera u konverġenza akbar fil-liġi ċivili li jgħinu biex jiġu eliminati l-ostakli għal proċeduri ġudizzjarji u extraġudizzjarji li jiffunzjonaw tajjeb u b'mod effikaċi, għall-benefiċċju ta' kull parti f'kontroversja ċivili. Fl-aħħar nett, sabiex jiġu appoġġati l-infurzar effettiv u l-applikazzjoni prattika tad-dritt tal-Unjoni fuq kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-funzjonament tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE.

(12) Skont l-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u jenħtieġ li jintegra l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu.

(13) Il-Programm 2014-2020 ippermetta l-attivitajiet ta' taħriġ fuq id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fuq l-iskop u l-applikazzjoni tal-Karta, immirati lejn membri tal-ġudikatura u juristi oħra. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni tal-Karta fl-2016, il-Kunsill fakkar fl-importanza tat-tixrid tal-għarfien fuq l-applikazzjoni tal-Karta, inkluż fost dawk li jfasslu l-politika, il-ġuristi u d-detenturi tad-dritt infushom, fuq livell nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni. Għalhekk, biex id-drittijiet fundamentali jiġu armonizzati b'mod konsistenti, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jiġi estiż għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal awtoritajiet pubbliċi oħrajn għajr l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-ġuristi.

(14) Skont l-Artikolu 67 TFUE, jenħtieġ li l-Unjoni tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali, li għalihom huwa strumentali l-aċċess għall-ġustizzja. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja, u bil-għan li titrawwem il-fiduċja reċiproka li hija indispensabbli biex jiffunzjona tajjeb l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li ssir estensjoni tal-appoġġ finanzjarju għal attivitajiet ta' awtoritajiet oħrajn għajr l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-ġuristi, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi.

(15) Skont l-Artikoli 8 u 10 TFUE, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa wkoll l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-objettivi tan-nondiskriminazzjoni fl-attivitajiet kollha tiegħu.

(16) L-azzjonijiet koperti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja, biex b'hekk tiżdied il-kooperazzjoni u jiżdied in-netwerking transfruntier u l-kisba tal-applikazzjoni korretta, koerenti u konsistenti tad-dritt tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' finanzjament jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxu għal fehim komuni tal-valuri tal-Unjoni, l-istat tad-dritt, għarfien aħjar tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, il-kondiviżjoni ta' għarfien u l-aħjar prattiċi fl-użu ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja mill-partijiet interessati kollha kkonċernati, kif ukoll għal proliferazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali interoperabbli li fuqhom hija bbażata kooperazzjoni transfruntiera bla intoppi u effiċjenti, u jenħtieġ li jipprovdu bażi

analitika soda għall-appoġġ tal-iżvilupp, l-infurzar u l-implimentazzjoni xierqa tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni. L-intervent tal-Unjoni jippermetti li dawk l-azzjonijiet isiru b'mod konsistenti madwar l-Unjoni u jwassal għal ekonomiji ta' skala. Barra minn hekk, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transfruntiera u tipprovdi pjattaforma Ewropea għal tagħlim reċiproku.

(17) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura konsistenza ġenerali, komplementarjetà u sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, bħall-EUROJUST, EU-LISA u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u jenħtieġ li tieħu kont tal-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħrajn, fl-oqsma koperti mill-Programm.

(18) Jenħtieġ li jiġi żgurat il-valur Ewropew miżjud tal-azzjonijiet u l-attivitajiet kollha mwettqa fi ħdan il-Programm, il-kumplimentarjetà tagħhom għall-attivitajiet tal-Istati Membri, u l-konsistenza tagħhom ma' attivitajiet oħrajn tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti tal-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun hemm konsistenza, kumplimentarjetà u sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament li jappoġġaw l-oqsma politiċi b'rabta mill-qrib ma' xulxin, b'mod partikolari l-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri - u għalhekk mal-Programm Drittijiet u Valuri - u bejn il-Programm u l-Programm tas-Suq Uniku, Ġestjoni tal-fruntieri u Sigurtà, b'mod partikolari l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ("AMIF", Asylum, Migration and Integration fund) u l-Fondi għas-Sigurtà Interna, Infrastruttura Strateġika b'mod partikolari l-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm Erasmus+, il-Programm Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, u r-Regolament LIFE[13].

(19) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-programm Ġustizzja li għandu jikkostitwixxi l-ammont referenzjali primarju, fl-ambitu tat-tifsira [il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[14]], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(20) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [il-RF il-ġdid] (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għal dan il-Programm. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist, implimentazzjoni indiretta, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji.

(21) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet ta' unità, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmija fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(22) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill[15] (Euratom, KE) Nru

---

13 Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 Test b'relevanza għaż-ŻEE

14 [ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2013.373.1.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC]

15 Ir-Regolament (UE, Euratom ) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-

2988/95[16] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[17] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[18], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, il-kxif, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jipproċedi kontra r-reati ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19]. B'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera b'mod sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess lill-Kummissjoni, l-OLAF, l-UPPE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u li tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(23) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE, li jipprovdi għall-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dan il-ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u kif ukoll lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal kontrolli dwar ir-responsabbiltà ta' atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta'defiċjenzi ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett għall-istat tad-dritt hija prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-finanzjament mill-UE.

---

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

16 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p.1).

17 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

19 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

(25) Skont [L-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[20]], il-persuni u l-entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (overseas countries and territories, OCTs) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-akkordji possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.

(26) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-objettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu ta' nofs it-terminu.

(27) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, hemm il-ħtieġa li jiġi evalwat dan il-Programm fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' indikaturi kif indikat fl-Artikoli 12 u 14 u fl-Anness II. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21].

(30) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(31) [B'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (permezz tal-ittra ta' ...,) ix-

[20] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. JEW

*F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.*]

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Ġustizzja ("il-Programm").

Dan jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2021 – 2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

*Artikolu 2*
*Definizzjoni*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Ġudikatura u persunal ġudizzjarju" tfisser imħallfin, prosekuturi u persunal tal-qorti, kif ukoll professjonisti oħra tal-ġustizzja assoċjati mal-ġudikatura, bħalma huma avukati, nutara, bailiffs jew uffiċjali għall-infurzar, prattikanti fl-insolvenza, medjaturi, interpreti u tradutturi tal-qorti, esperti tal-qorti, persunal tal-ħabs u uffiċjali tal-probazzjoni.

*Artikolu 3*
*Objettivi tal-programm*

1. Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għal aktar żvilupp ta' żona Ewropea ta' ġustizzja bbażata fuq l-istat tad-dritt, fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka;
2. Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin, kif spjegat aktar fid-dettall fl-Anness I:
   (a) li jiffaċilita u jappoġġja l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u li jippromwovi l-istat tad-dritt permezz tal-appoġġ tal-isforzi biex tittejjeb l-effikaċja tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali;
   (b) li jappoġġja u jippromwovi t-taħriġ ġudizzjarju, bil-għan li titrawwem kultura legali u ġudizzjarja u kultura tal-istat tad-dritt komuni;
   (c) li jiffaċilita l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd u rimedju effikaċi, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, permezz tal-promozzjoni ta' proċeduri ċivili u kriminali effikaċi u l-promozzjoni u l-appoġġ tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati kif ukoll id-drittijiet proċedurali tas-suspettati u tal-persuni akkużati fi proċedimenti kriminali.

*Artikolu 4*
*Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 - 2027, għandu jkun ta’ EUR [305 000 000] f’termini ta’ prezzijiet attwali.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista’ jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal miżuri preparatorji, ta’ monitoraġġ, ta’ kontroll, ta’ awditjar u ta’ evalwazzjoni inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva.

3. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament Finanzjarju, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fl-ewwel programm ta’ ħidma tista’ tkun eliġibbli mill-1 ta’ Jannar 2021.

4. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni konġunta jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont l-Artikolu 62(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont l-Artikolu 62(1)(c). Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 5*
*Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm*

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) il-Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE;

(b) pajjiżi ta' adeżjoni, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi, jew akkordji simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-kunsill ta' assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi.

(d) Pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet stipulati fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni ta’ pajjiż terz għal kull programm tal-Unjoni, sakemm il-ftehim

- jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
- jistipula l-kundizzjonijiet ta’ parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta’ kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-ispejjeż amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f’konformità mal-[Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid];
- ma jagħtix lill-pajjiż terz setgħa ta’ deċiżjoni dwar il-programm;

- jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni biex jiżgura ġestjoni finanzjarja soda u jipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

*Artikolu 6*

*Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-UE*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta ma' korpi msemmija fl-Artikolu 61(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament f'kull forma stabbilita fir-Regolament Finanzjarju.

3. [Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproku jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. Id-dispożizzjonijiet stipulati [fl-Artikolu X] tar-Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija] għandhom japplikaw].

*Artikolu 7*

*Tip ta' azzjonijiet*

L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' objettiv speċifiku speċifikat fl-Artikolu 3 jistgħu jirċievu finanzjament skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-attivitajiet elenkati fl-Anness I għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament.

## KAPITOLU II
## GĦOTJIET

*Artikolu 8*

*Għotjiet*

1. L-għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 9*

*Finanzjament kumulattiv, [supplimentari] u kkumbinat*

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kull programm ieħor tal-Unjoni, inklużi Fondi taħt ġestjoni kondiviża, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. [Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u l-appoġġ minn diversi programmi tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi prorata].

2. Fejn il-Programm u l-Fondi taħt ġestjoni kondiviża msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) [XX] [CPR] jipprovdu b'mod konġunt appoġġ finanzjarju għal azzjoni waħda, dik l-azzjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi r-regoli dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament.

3. L-azzjonijiet eliġibbli skont il-Programm u konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu jistgħu jiġu identifikati bl-għan li jiġu ffinanzjati mill-Fondi

taħt ġestjoni kondiviża. F'dan il-każ, ir-rati ta' kofinanzjament u r-regoli ta' eliġibbiltà stipulati f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw.

L-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) dawn ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti skont il-Programm;

(b) dawn iħarsu l-ħtiġijiet minimi ta' kwalità ta' din is-sejħa għal proposti;

(c) dawn ma jistgħux jiġu ffinanzjati skont din is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

L-azzjonijiet għandhom ikunu implimentati mill-awtorità ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu [65] tar-Regolament (UE) [XX] [CPR] f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-regolamenti speċifiċi għall-fondi, inklużi regoli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji."

*Artikolu 10*
*Entitajiet eliġibbli*

1. Il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 3 għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-[Artikolu 197] tar-Regolament Finanzjarju.

2. Huma eliġibbli l-entitajiet li ġejjin:

(a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'kull wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;
- pajjiżi terz assoċjat mal-Programm;

(b) kull entità ġuridika maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni jew kull organizzazzjoni internazzjonali;

3. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju biex tkopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.

## KAPITOLU III
## PROGRAMMAZZJONI, MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KONTROLL

*Artikolu 11*
*Programm ta' Ħidma*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17.

*Artikolu 12*
*Monitoraġġ u rapportar*

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 14, biex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż permezz ta' emendi għall-Anness II biex tirrevedi u tikkumplimenta l-indikaturi fejn meħtieġ.

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u b'mod tempestiv. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonali fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u l-Istati Membri.

*Artikolu 13*
*Evalwazzjoni*

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod tempestiv sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 14*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Jibda jkollha effett fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ jekk fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew oġġezzjoni jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn

informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 15*
*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-programm permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali jew permezz ta' kull strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, drittijiet bħal dawn għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

## KAPITOLU IV
## DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

*Artikolu 16*
*Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonali lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, diment li dawn ikunu relatati mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 17*
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*
*Tħassir*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 għandu jiġi revokat b'effett mill-1 ta' Ottubru 2021.

*Artikolu 19*
*Dispożizzjonijiet tranżitorji*

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament Nru 1382/2013, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista’ jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont il-predeċessur tiegħu, ir-Regolament Nru 1382/2013.

3. Jekk meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(2), sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompletati sal-31 ta’ Diċembru 2027.

*Artikolu 20*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (raggruppament ta' programmi)

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanati

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

| |
|---|
| Il-Programm Ġustizzja |

### 1.2. Qasam / oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB[22]

| |
|---|
| II. Koeżjoni u Valuri |
| 7. Investiment fin-Nies, Koeżjoni Soċjali u Valuri |
| Ġustizzja, Drittijiet u Valuri... |

### 1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja**[23]

☒ **l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew direzzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra / azzjoni ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Billi l-leġiżlazzjoni hija għodda prinċipali fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ġustizzja, jenħtieġ li din tkun ikkumplimentata b'mezzi oħrajn. F’dan il-kuntest, il-finanzjament għandu rwol importanti x’jaqdi. B’mod partikolari, il-finanzjament jenħtieġ li jtejjeb l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni billi jżid l-għarfien, is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità taċ-ċittadini, tal-professjonisti u tal-partijiet ikkonċernati, permezz tal-appoġġ ta':

- informazzjoni u sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, inkluż appoġġ għal kampanji nazzjonali u Ewropej biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar id-drittijiet tagħhom, kif iggarantiti skont il-liġi tal-Unjoni, u kif jistgħu jinfurzawhom fil-prattika;

- taħriġ u bini ta’ kapaċità għall-ġuristi (bħall-imħallfin u l-prosekuturi) u għal prattikanti oħrajn, biex jiġu mgħammra bl-għodda meħtieġa biex iwettqu fil-prattika b’mod effettiv id-drittijiet u l-politiki tal-Unjoni.

Il-finanzjament għandu wkoll rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni fuq il-livell transnazzjonali u fl-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka, permezz ta':

- tisħiħ tan-netwerks, jiġifieri organizzazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha biex jassistu fit-tħejjija ta' inizjattivi futuri f'dan il-qasam, kif ukoll biex jippromwovu l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom madwar l-Ewropa;

- kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-infurzar, pereżempju bit-twaqqif ta’ sistemi ta' allarm għal tfal neqsin, koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva u l-kooperazzjoni transfruntiera kontra d-droga.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-finanzjament jgħin:

[22] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[23] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- ir-riċerka, l-analiżi u l-attivitajiet oħrajn ta’ appoġġ, biex il-leġiżlatur ikollu informazzjoni ċara u dettaljata dwar il-problemi u s-sitwazzjoni fuq il-post. Ir-riżultati ta’ dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u jiżguraw li dawn ikunu msejsa fuq il-provi, li jkunu mmirati tajjeb u li jkunu strutturati tajjeb.

Dawn l-attivitajiet kollha se jiġu implimentati matul il-perjodu sħiħ 2021-2027. Huwa diffiċli li jiġi stabbilit b’mod preċiż l-introduzzjoni f’dan l-istadju, minħabba l-veloċità ta’ sfidi politiċi ġodda li aħna rridu niffaċċjaw u nirreaġixxu għalihom.

*1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, pereżempju gwadanji ta’ koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività ikbar jew kumplimentaritajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, “il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fuq livell Ewropew (*ex ante*):

L-iffinanzjar kopert mill-Programm tal-Ġustizzja jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-Unjoni jista’ jwassal għal valur miżjud meta mqabbel mal-azzjoni meħdua mill-Istati Membri individwali. L-attivitajiet koperti minn dan ir-Regolament jikkontribwixxu għall-applikazzjoni effikaċi tal-acquis billi jiżviluppaw fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, iżidu l-koperazzjoni transkonfinali u l-ħolqien ta’ netwerks u jiksbu applikazzjoni korretta, koerenti u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni madwar l-Unjoni kollha. L-attivitajiet ikkoordinati li jilħqu l-Istati Membri kollha tal-Unjoni jistgħu jsiru biss permezz ta’ azzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni Ewropea hija f’qagħda aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transfruntiera u tipprovdi Pjattaforma Ewropea għal tagħlim reċiproku. Mingħajr l-appoġġ tal-Unjoni, ikun hemm it-tendenza li l-partijiet ikkonċernati jindirizzaw il-problemi simili b’mod frammentat u diskonness.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (*ex post*)

Il-kollaborazzjoni u n-netwerking bejn il-partijiet ikkonċernati se jwasslu għat-tixrid tal-aħjar prattiki, b’mod partikolari metodi innovattivi u integrati fi Stati Membri differenti. Il-parteċipanti f’dawn l-attivitajiet se jaġixxu sussegwentement bħala multiplikaturi fl-attivitajiet professjonali rispettivi tagħhom u jxerrdu b’mod aktar usa’ l-aħjar prattiki fl-Istat Membru tagħhom.

Se jingħata appoġġ biex ikun hemm bażi analitika soda għas-sostenn u l-iżvilupp ta’ politiki. L-intervent tal-Unjoni Ewropea jirrendi possibbli li dawn l-attivitajiet ikun segwiti b’mod konsistenti fl-Unjoni kollha u jġib miegħu ekonomiji ta' skala. Il-finanzjament f’livell nazzjonali ma jagħtix l-istess riżultati, iżda jirriżulta biss f’metodu frammentat u limitat li ma jkoprix il-ħtiġijiet tal-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu mwettqa għall-programmi attwali fil-qasam tal-ġustizzja kkonfermat l-effikaċja globali tal-programm u l-validità tal-objettivi tiegħu, iżda ġew identifikati xi aspetti għat-titjib, b’mod partikolari ż-żieda tal-baċir tal-Programm ta’ destinatarji potenzjali tal-azzjonijiet, ir-rieżami tal-indikaturi ta’ monitoraġġ, it-tisħiħ ta’ sinerġiji ma’ programmi u inizjattivi ta’ finanzjament rilevanti oħra mill-UE.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra:*

Il-Programm se jfittex sinerġiji, konsistenza u kumplimentarjetajiet ma’ strumenti oħra tal-Unjoni, fost l-oħrajn mal-programmi fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà, il-konsumaturi, l-impjiegi, il-kwistjonijiet soċjali u l-edukazzjoni, l-iżvilupp u l-kooperazzjoni esterna. Se jiġi evitat li jkun hemm duplikazzjoni ma’ attivitajiet f’dawn il-

programmi l-oħrajn, u r-riżorsi jkunu jistgħu jinqasmu bejn il-Programm Ġustizzja u l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri biex jinkisbu l-objettivi komuni.

### 1.5. Durata u impatt finanzjarju

***X* durata limitata**

x b'effett mill-01/01/2021 sal-31/12/2027

x L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ **durata illimitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati[24]

x **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

x mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja: lil:

☐pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐korpi tal-liġi pubblika;

☐korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

---

[24] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-proposta tinkludi obbligi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-kisba tal-objettivi speċifiċi jsirilha monitoraġġ fuq il-bażi tal-indikaturi li jinsabu fil-proposta; fuq bażi annwali.

Barra minn hekk, jingħata rapport ta' evalwazzjoni interim mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard min-nofs tal-2025 dwar il-kisba tal-objettivi tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu ta' riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tiegħu. Wara tmiem il-Programm tkun ipprovduta evalwazzjoni *ex post* dwar l-impatti għal żmien itwal u dwar is-sostenibbiltà tal-effetti tal-Programm.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Permezz ta' ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tappoġġja azzjonijiet oħrajn li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-politika komuni tal-Unjoni. Il-Programm Ġustizzja se jkun amministrat direttament mill-Kummissjoni billi dan jippermetti li l-programmi jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet ta' politika u li jkollhom aktar flessibbiltà biex jiġu riaġġustati l-prijoritajiet f'każ ta' ħtiġijiet emerġenti. Barra minn dan, il-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni se tippermetti wkoll li jiġu stabbiliti kuntatti diretti mal-benefiċjarji / mal-kuntratturi direttament involuti f'attivitajiet li jservu l-politiki tal-Unjoni.

L-evalwazzjoni interim tal-Programm Ġustizzja 2014-2020 ikkonkludiet li filwaqt li hemm tabilħaqq lok għal semplifikazzjoni fi ħdan il-Programm Ġustizzja, dan il-kamp ta' applikazzjoni huwa limitat fi ħdan il-qafas attwali ta' ġestjoni. Madankollu, l-użu usa' ta' għodod korporattivi tal-IT għall-ġestjoni tal-għotjiet u l-introduzzjoni usa' ta' kostijiet ta' unità fil-ġestjoni tal-Programm se jkunu fatturi ta' simplifikazzjoni.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i interna/i ta' kontroll stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin marbuta ma' attivitajiet ta' finanzjament tad-DĠ JUST huma tnejn:

- ir-riskju tan-nuqqas ta' finanzjament tal-aħjar proġett biex tiġi indirizzata l-kwistjoni identifikata

- ir-riskji ta' irregolarità u illegalità tal-kostijiet iddikjarati u rimborżati.

Fir-rigward tar-riskju ta' legalità u regolarità, ibbażat fuq il-kawżi u t-tipi ewlenin ta' żbalji l-aktar komuni misjuba f'awditi *ex post*, jidher li l-oqsma ewlenin ta' irregolaritajiet jirriżultaw minn ġestjoni finanzjarja ħażina mill-benefiċjarji, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' fehim tar-regoli minħabba l-kumplessità tagħhom, b'mod partikolari l-eliġibbiltà tal-kostijiet.

Għaldaqstant ir-riskji huma dovuti prinċipalment

- għall-iżgurar tal-kwalità tal-proġetti magħżula u l-implimentazzjoni teknika sussegwenti tagħhom;

- għar-riskju ta' użu ineffiċjenti jew mhux ekonomiku tal-fondi mogħtija, kemm għall-għotjiet (kumplessità tar-rimborż tal-kostijiet eliġibbli attwali) u kif ukoll għall-akkwist (kultant ikun hemm numru limitat ta' fornituri ekonomiċi bl-għarfien speċjalizzat meħtieġ li jimplika possibbiltajiet insuffiċjenti biex jiġu paragunati l-offerti ta' prezzijiet);

- Frodi

Ir-rata ta' erruri residwi fl-2017 (għal għotjiet) hija stmata għal 2,63 %.

Il-maġġoranza ta' dawn ir-riskji huma mistennija li jitnaqqsu bis-saħħa ta':

- disinn aħjar ta' sejħiet għal proposti

- gwida aħjar għall-benefiċjarji u l-immirar ta' proposti

- l-użu miżjud ta' kostijiet simplifikati kif previst fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid

- l-użu ta' sistemi korporattivi għall-ġestjoni ta' proposti u għotjiet

- il-miżuri previsti fi strateġija kontra l-frodi.

<u>Deskrizzjoni ta' sistema ta' kontrol intern</u>

Is-sistema ta' kontroll prospettata għall-programm fil-ġejjieni hija kontinwazzjoni tas-sistema attwali ta' kontroll.

Sabiex jiġu limitati r-riskji u t-tnaqqis fir-rata ta' erruri, l-istrateġija ta' kontroll se tkun ibbażata fuq ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid u fuq ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid u l-abbozz ta' proposta għall-programm Ġustizzja jenħtieġ li jestendu l-użu ta' forom simplifikati ta' għotjiet bħal somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet ta' unità.

L-istrateġija ta' kontroll magħmula minn elementi kostitwenti differenti:

- programmazzjoni, evalwazzjoni u għażla tal-proposti sabiex jiġi żgurat li jkunu biss l-aħjar proposti li jiġu ffinanzjati;

- konklużjoni u monitoraġġ tal-ftehimiet ta' għotja: It-tranżazzjonijiet u l-proċeduri kollha huma suġġetti għal verifika *ex ante* mill-Programm u mill-Unità ta' ġestjoni finanzjarja tad-DĠ JUST, kif ukoll mill-unitajiet ta' politika rilevanti. Il-verifika finanzjarja ssir mill-Programm u l-Unità tal-ġestjoni finanzjarja. Dwar l-għotjiet, it-talbiet għal kostijiet huma vverifikati b'mod approfondit, u jintalbu dokumenti ta' prova meta jitqiesu li jkunu meħtieġa, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju.

- awditi *ex post* żgurati permezz ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mad-DĠ Affarijiet Interni: Is-settur tal-kontroll *ex post* japplika "strateġija ta' detezzjoni" immirata lejn id-detezzjoni ta' massimu ta' anomaliji bil-ħsieb ta' rkupru ta' pagamenti mhux dovuti. Fuq il-bażi ta' din l-istrateġija, l-awditi jitwettqu fuq kampjun ta' proġetti magħżula kważi kompletament fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

Il-kontrolli *ex post* jenħtieġu li jistrieħu wkoll fuq il-kontrodipendenza għall-awditi u u li tiġi kondiviża l-informazzjoni disponibbli biex tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv u żżid il-kosteffettività (l-Artikoli 127 u 128 RF il-ġdid)

B'dawn l-elementi differenti ta' strateġija ta' kontroll, ir-rata ta' erruri tista' tkun mistennija li tkun taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

Il-kost tal-kontrolli jammonta b'mod approssimattiv għal 4,49 % tal-pagamenti magħmula mid-DĠ JUST. Dan huwa mistenni li jibqa' stabbli jew li jonqos ftit fil-każ fejn l-użu ta' għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (simplified cost options, SCO) se jitwessa' fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereżempju mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Id-DĠ JUST approva Strateġija Kontra l-Frodi f'April 2018. Id-DĠ se jkompli japplika l-Istrateġija Kontra l-Frodi tiegħu f'konformità mal-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (Commission's Anti-Fraud Strategy, CAFS) sabiex jiżgura li, fost l-oħrajn, il-kontrolli interni relatati ma' kontra l-frodi jkunu allinjati għalkollox mal-CAFS u li l-approċċ maniġerjali tar-riskju ta' frodi tiegħu huwa mmirat biex jidentifika l-oqsma tar-riskju tal-frodi u r-reazzjonijiet adegwati.

## 3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Intestatura 2: Koeżjoni u Valuri<br>07.06 Ġustizzja, Drittijiet u Valuri | Diff. / Mhux diff.[25]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[26] | mill-pajjiżi kandidati* | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| | Il-Programm Ġustizzja<br>07.01.05.01<br>[] | Mhux diff. | IVA | IVA | IVA | LE |
| | Il-Programm Ġustizzja<br>07.06.01.01<br>07.06.01.02<br>07.06.01.03<br>[]…] | Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |

*Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

[25] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati..
[26] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | <2> | Intestatura 07.06.01 Intestatura 2: Koeżjoni u Valuri<br>07.06 Ġustizzja, Drittijiet u Valuri<br>Il-Programm Ġustizzja |

| | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1) | Impenji | (1) | 42 596 | 42 580 | 42 555 | 42 522 | 42 481 | 42 432 | 42 134 | | **297 300** |
| | Pagamenti | (2) | 4 880 | 20 234 | 27 250 | 29 742 | 31 131 | 31 698 | 31 648 | 120 717 | **297 300** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programmi* | Impenji = Pagamenti | (3) | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | | **7 700** |
| **Approprjazzjoni totali għall-pakkett tal-programm** | Impenji | =1+3 | 43 696 | 43 680 | 43 655 | 43 622 | 43 581 | 43 532 | 43 234 | | **305 000** |
| | Pagamenti | =2+3 | 5 980 | 21 334 | 28 350 | 30 842 | 32 231 | 32 798 | 32 748 | 120 717 | **305 000** |

L-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex jiffinanzjaw attivitajiet li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament. L-ammonti ta' hawn fuq se jinqasmu bejn it-tliet objettivi speċifiċi, b'mod approssimattiv kif ġej: il-kooperazzjoni ġudizzjarja 30 %, it-taħriġ ġudizzjarju 35 % u aċċess għall-ġustizzja 35 %. Dawn il-perċentwali huma indikattivi billi jenħtieġ li tinżamm il-flessibbiltà.

* Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | | **128 443** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | | **4 900** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | | **133 343** |

f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjoni TOTALI fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 62 745 | 62 729 | 62 704 | 62 704 | 62 630 | 62 581 | 62 283 | | **438 343** |
| | Pagamenti | 25 029 | 40 383 | 47 399 | 49 891 | 51 280 | 51 847 | 51 797 | 120 71 7 | **438 343** |

*3.2.2. Impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali:*

☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

x Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Snin** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | 18 349 | **128 443** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | 0 700 | **4 900** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **19 049** | **133 343** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Barra mill-INTESTATURA 7**[27] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 7 700 |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju** | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 1 100 | 7 700 |

27 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **20 149** | **20 149** | **20 149** | **20 149** | **20 149** | **20 149** | **20 149** | **141 043** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

x Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 115,5 | 115,5 | 115,5 | 115,5 | 115,5 | 115,5 | 115,5 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| **•Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Fulltime: FTE) - AC, AL, END, INT u JED** [28]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Finanzjati minn-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Finanzjati mill-pakkett tal-programm [29] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Metodu ieħor (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **139,5** | **139,5** | **139,5** | **139,5** | **139,5** | **139,5** | **139,5** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | DĠ JUST: L-FTEs KOLLHA TAD-DĠ JUST ġew assenjati għal wieħed mit- |

[28] AC = Persunal b’Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Personal tal-aġenzija; JPD = Professjonisti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[29] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

| | |
|---|---|
| | tliet (3) programmi attwali,<br><br>FTEs għall-Programm Ġustizzja: 40 % mill-Programm u l-Unità tal-ġestjoni finanzjarja JUST.04, 40 % minn unitajiet orizzontali u FTEs oħra minn unitajiet ta' politika marbuta mal-programm Ġustizzja (jiġifieri unitajiet: A1, B1, B2, B4, C1)<br><br>DĠ COMP 0,5 AD, 1 AST |
| Persunal estern | FTEs marbuta mal-programm Ġustizzja<br><br>DĠ COMP 1 AC |

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta / L-inizjattiva:

☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmata hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Snin** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta / L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[30] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu … | | | | | | | |

[30] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.